Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 48– L-Erbgħa 13 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-3:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

48.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

## 48.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

48.3.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal-laqgħa li kien mistieden għaliha rigward Mgarr Coastal u Kemuna fejn semmew li ser jirranġaw il-portijiet u mollijiet u anke fejn titrakka d-dgħajsa f'Santa Marija, f'Kemuna. Dawn ix-xogħolijiet ser jibdew dalwaqt u għalhekk riedu javżawna peress li huma fil-konfini tagħna.

48.3.2 Is-Sindku rrefera għad-diversi komunikazzjonijiet li saru rigward is-sitwazzjoni ta' traffiku u periklu fi Triq Mgarr u anke għal- laqgħa li saret mal-Perita Conti. Is-Sindku qal li Transport Malta kkonfermaw li wara li semgħu lilna ser jippreparaw pjan u ser jieħdu in konsiderazzjoni ħafna mis-suġġerimenti u kummenti li semmejnielhom aħna. Huwa rrefera wkoll għat-talba li ressaqna lill-Ministru għal Għawdex biex tgħinna dwar ir-rapport u li s'issa għadna ma rċivejnix risposta. Is-Sindku enfasizza li jixtieq li joħroġ ċar li l-Kunsill qed

jagħmel l-almu tiegħu kollu u ma jridx li jirrizulta li l-camera ma saritx għax il-Kunsill ma għamilx ir-rapport. Sar qbil li għandna nibgħatu lil LESA u Ministeru għal Għawdex dwar biex jagħtuna *hint* dwar f' hiex għandu jikkonsisti r-rapport.

48.3.3 Is-Sindku rrefera għal fatt li għandna nitolbu lill-Ministru għal Għawdex għall-kopja tal-Cost Benefit Analysis ta' Bethlehem biex niddiskutuh u wara niltaqgħu magħha għal aktar diskussjonijiet.

48.3.4 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għall-multa ta' €1200 imposta fuq il-Kunsill mill-MEPA għal fatt li l-Kunsill wettaq xogħol ta' restawr ta' ċint fix-Xatt l-Aħmar mingħajr il-permess. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lil Perit jekk nistgħux nappellawha u x'jiġri jekk ma titħallasx il-multa. Sar qbil ukoll sabiex niċċekjaw eżatt għaliex inħareġ l-*enforcement*.

48.3.5 Ġiet trattata l-email mill-Comune ta' Loreto, l-Italja fejn esprimew ix-xewqa li jagħmlu skambju skolastiku magħna. Il-Kunsill wera nteress kbir dwar dan u sar qbil li għandna nirrisponduha li qed nistiednu lilha, is-Sindku u rappreżentant jew tnejn mill-Kunsill tagħhom biex jiġu hawn u niddiskutu din il-proposta u oħrajn flimkien.

48.3.6 Is-Sindku rrefera għall-mistoqsija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill hux nteressat li l-ħaddiem li għandu taħt skema CIES jiġi full time. Wara li s-Segretarja kkonfermat mal-ħaddiem, irrispondiet billi urejna l-interess li napprezzaw jekk jista jiġi mpjegat fuq bażi full-time peress li l-Kunsill sa minn dejjem qabel li ghandu jhaddmu full-time.

48.3.7 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu ma' Richard Cauchi l-kuntrattur tad-Dawl rigward it-trinka tal-Gudja. Huwa semma' li dan id-dewmien mhux accettabbli peress li jed jitfghu lura l-progetti tal-Kunsill.

48.3.8 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-ewwel biċċa ta' Triq il-Briegħen tlestiet u ser tinbeda t-tieni biċċa. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-kuntrattur kif Triq ix-Xatt l-Aħmar għadu ma bdihiex.

48.3.9 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għall-istedina tiegħu fi programm televisiv rigward il-Kunsilli Lokali.

48.3.10 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa tal-Għaqda Drammatika li nżammet fl-Uffiċju tal-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-Ġimgha l-Kbira. Huwa semma' li Għaqda qed tipproponi li tagħmel salib kbir u l-Via Sagra. Huwa semma li ser issir Via Sagra antika u Via Sagra moderna magħmula minn Sandro Lateo. Huwa rrefera wkoll għal fatt li l-Arċipriet approva li ssir il-Via Sagra f'Ta' Passi. Huwa semma' li bħala Kunsill nistgħu nghinu billi nixtru xi materjal u wkoll xi erba' tankijiet. Sar qbil li għandna napplikaw mal-Ministeru għall-ispejjes bħala attivitajiet kulturali għal żmien l-Għid. Is-Sindku rrefera wkoll għaċ-Ċena ssir f'Hadd il-Palm bejn is 2:00pm u s-6:00pm u tibda l-aħħar Cena minn dakinhar. Nhar Hamis ix-Xirka ser

issir iċ-Ċena fl-għaxija u anke l-Ġimgħa l-Kbira filgħodu u l-play ser issir nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu u nhar Ħadd il-Palm.

48.3.11 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu fuq il-post mal-Perit Shawn Micallef rigward it-taraġ.

48.3.12 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li s-Segretarju Eżekuttiv kellha mal-Perit Shawn Micallef rigward il-permessi meħtieġa sabiex tiġi restawrata l-arkata tal-Wied.

48.3.13 Is-Sindku propona li għandna nsibu ġurnata sabiex ninawguraw il-proġetti tal-mosaic li jinkludu il-fjuri ta' Triq il-Ġnien, il-Belvedere tax-Xatt l-Aħmar u t-Taraġ ta' ħdejn il-Grand Hotel.

48.3.14 Is-Sindku rrefera għall-ilmenti li qed jidħlu rigward il-fatt li l-funtana u d-dawl tal-Pjazza tad-Dehra mhux qed jaħdmu. Il-problema ġejja minn gol-pump room peress li qegħda taħt l-art u hemm ħafna tixrib. Sar qbil li għandna niċċekjaw ma' Ganni Haber jew Karmenu Cauchi u jaraw isibux soluzzjoni.

48.3.15 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressaqna lill-Ministru għal Għawdex dwar is-*service road* li ser issir fl-Imġarr u weġbitna li meta tkun il-waqt niltaqgħu wara li jkun hemm aktar informazzjoni.

48.3.16 Is-Sindku reġgħa rrefera għat-talba li għamillu Mark Bajada rigward il-livell ħażin tat-triq tiegħu. Sar qbil li għandna noqgħodu fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Perit billi jiġi ordnat survey.

48.3.17 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressaqna lill-Ministru għal Għawdex u lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar it-talba sabiex tiġi esproprjata biċċa art fi Triq Baħħara biex tinfetaħ it-triq. Il-Ministru għal Għawdex talbitna sabiex nipprovdulha stima bil-perit biex tkun tista tikkonsidra t-talba. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri biex jagħmel *survey* tal-post u jipprovdi stima.

48.3.18 Is-Sindku rrefera għat-talba li daħlet sabiex tingħata daqqa romblu lil Triq tat-Tomba u wkoll għat-talba sabiex Triq ta' Bordin biex nagħmluha bil-konkos. Is-Sindku semma' li huwa kkuntatja lis-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri u qallu li jekk jifdal xi fondi minn Miżura 4.3 jista jagħti l-każ li ninserixxuhom fl-applikazzjoni tagħna.

## 48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

48.4.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi lmenta rigward trakkijiet ipparkjati fi Triq il-Qigħan u li jintħieġ li jsiru double yellow lines fil-kantuniera ma' Triq Merkanti.

48.4.2 Il-Viċi Sindku rrefera għal fatt li l-madum tal-entratura tal-iskola huwa fil-parti l-kbira tiegħu mkisser u huwa perikoluż għat-tfal. Il-Kunsill qabel li peress li ma sibniex madum biex nibdlu l-imkisser ikun aħjar li nibdluh kollu. Sar qbil li x-xogħol għandu jsir fil-vaganzi tal-Għid. Sar qbil ukoll li għandna nagħmlu xi tip ta' bollard biex ma jidħlux vetturi fuq il-madum.

## 48.5 Korrispondenza u Rapporti

48.5.1 Ġiet trattata l-email mingħand il-Kap tal-iskola Primarja Għajnsielem dwar talba sabiex tingħata lura kamra lill-iskola li fil-preżent qegħda tintuża bħala stores. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni kemm il-darba ningħataw alternattiva xierqa. Sar qbil li għandna ninnotifikaw lil kap tal-iskola b'dan u nibdew d-diskussjonijiet.

48.5.2 Ġiet trattata l-email mingħand Alessandro Battilocchio rigward mawra ta' Associazione f'Għawdex bejn l-14 u 17 ta' Ġunju. Sar qbil li għandna nirrispondu li peress li f'dak il-perijodu jkun żmien ta' transazzjoni bejn Kunsill u ieħor ma tantx huwa żmien addattat. Sar qbil li għandna nitolbuh jistax jamalgama din iż-żjara ma' dik ta' żmien il-festa tal-lokal.

48.5.3 Ġiet trattata l-email mingħand il-Malta Vintage Cars Association rigward is-show annwali li jtellgħu fl-24 ta' Marzu 2019. Sar qbil li għandna nikkonfermawha.

48.5.4 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-Għaqda Drammatika Għajnsielem rigward l-attivitajiet li ser ittellgħa marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa fejn talbu sabiex l-attivitajiet isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin fejn jista f'dawn l-attivitajiet.

48.5.5 Ġiet trattata l-istima mingħand JGC u MQuip Ltd rigward il-pavimentar tal-playing fields. Sar qbil li għandna naraw xi ħxuna jinħtieg li jkun il-madum u nipproċedu dwar l-istima. Sar qbil ukoll li għandna niġbru stima ta bandla ġdida.

48.5.6 Ġiet diskussa t-talba mingħand Faces rigward il-possibilita' ta' bus shelters ġodda fil-lokal. Sar qbil li rridu niddeċiedu fejn ser nagħmluhom u għalhekk għandna ngħaddu l-lista lil xulxin u noħorgu bi proposti.

48.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand Carmel Cutajar ta' Triq Simirat sabiex titranġalu ir-rampa tal-*garage* bil-madum. Sar qbil li dan ix-xogħol għandu jsir.

48.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Tracy Attard ta' Triq il-Gudja biex titranġa l-bankina wara li saret tiswija minn tal Water Services Corporation. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Water Services Corporation rigward dan.

48.5.9 Ġiet trattata talba sabiex isir *patching* ta' diversi ħofor fi Triq il-Ġnien.

48.5.10 Ġiet trattata t-talba sabiex nittrimjaw siġra tal-ħarrub. Sar qbil li għandna mmexxu t-talbiet u niċċekjaw dwar il-permessi meħtieġa.

48.5.11 Ġiet trattata t-talba mingħand Phyllis Portelli biex teħel tabella li tindika Triq l-Imgarr Road u titpoġġa fil-kantuniera tal-post li hemm f'kantuniera ma' Triq il-Gnien. It-tabella tista' titpoġġa fuq arblu eżistenti.

48.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Perit biex jekk inhi l-ħtieġa jissottometti applikazzjoni mal-ERA għat-twaqqif ta' monument f'dan is-sit.

## 48.6 Proġett tat-Taraġ

48.6.1 Għal-laqgħa kienu mistiedna l-Perit Shawn Micallef u l-kuntrattur tat-taraġ Justin Attard wara li daħlu xi lmenti li x-xogħol fuq it-tarag ma hux perfett u li t-tarġa hija xi ftit dejqa.

48.6.2 Il-Perit rrimarka li l-mod kif qed jinħadem jista jagħti lok ta' tħassib lir-residenti pero' t-taraġ jinħtieġ li jiġi kkoreġut għax inkella meta jiġi pavimentat ser ikun hemm problema għax mhux kollu ndaqs għax hemm fejn hu 26 cm, 27cm u 28cm. Il-Perit pero stqarr li minħabba l-ispazju u li bilfors riedet issir bankina madwaru, it-taraġ ma jistax joħroġ aħjar milli hu. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi lmenta minn xi konkos u staqsa lil Perit jekk staqsa bejn il-konkos u t-topping jaqtax maż-żmien.

48.6.3 Il-kuntrattur Justin Attard ikkonferma li issa t-taraġ hu kkoreġut.

48.6.4 Ġie diskuss x'materjal ser jintuża għall-bankina. Il-kunsilliera qablu li għandhom jiddeċiedu liema materjal ser jintuża biex jekk eventwalment inkomplu l-bankini kollha bl-istess materjal. Il-Perit ssuġġerixxa li l-materjal ikun aktar skur mit-taraġ u li l-aħjar soluzzjoni hija li jintuża l-porfido. Sar qbil li għandna niġbru tlett quotations tal-porfido.

48.6.5 Is-Sindku rrefera għal fatt li huwa mportanti li l-Perit jinnota kull varjazzjoni u ssir *justification* għal din il-ħtieġa ta' pjanijiet. Il-Perit kkonferma li qed jieħu nota ta' kull kambjament jew żieda ta' xogħol. Huwa sahaq biex kemm jista jkun ma jsirux aktar żbalji u li t-*timeframes* għandhom jiġu rispettati.

48.6.6 Perit enfasizza li għandna niġru wara l-Enemalta sabiex jagħtuna eżatt x'ser nagħmlu u kemm ser jiswielna. Sar qbil li għandha ssir laqgħa magħhom u jagħtuna pjanta tax-xogħolijiet meħtieġa.

## 48.7 Bidu tas servizz tal-minibus

48.7.1 Is-Sindku semma' li issa li l-minibus waslet, jinħtieġ li jiġi ddisinjat logo u nipprintjaw *stickers* fuq il-vettura. Sar qbil ukoll li għandna niċċekjaw mal-Kunsill Lokali Bormla dwar l-operat ta' din is-sistema.

## 48.8 Approvazzjoni tal-Financial Statements u Estimi Finazjarji 2019

48.8.1 L-Accountant tal-Kunsill Pauliana Said kienet preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill u spjegat fid-dettal il-Financial Statement tal-Kunsill. Hija faħħret lill-Kunsill għal-fatt li għandu *working capital* li huwa tajjeb ħafna u għal fatt li għas-sena finanzjarja li għaddiet fadal profitt ta' €69,000. Il-Kunsill approva l-Financial Statement għas-sena Finanzjarja 2018.

48.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-estimi annwali u li prattikament bħala spejjes żammejna ma' tas-sena ta' qabel. L-allokazzjoni finanzjarja żdiedet allokazzjoni żdiedet b' €20,000 u l-profitt li qed jirriżulta dak ta' €65,000 huwa mistenni li jintuża fuq proġetti kapitali. Il-Kunsill approva l-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2019.

## 48.9 Karnival 2019

48.9.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-programm u l-applikazzjonijiet għall-kompetizzjonijiet fetħu għall-pubbliku. Il-Karnival f'Għajnsielem ser jinżamm is-Sibt 2 ta' Marzu 2019 wara s-1:30pm. Ser jippreżentaw il-programm Veronica u d-Dulli u ser jieħdu sehem il-gruppi kollha Għawdxin li ser jippartecipaw fil-Karnival 2019 t'Għawdex.

## 48.10 Maratona

48.10.1Is-Sur Joseph Micallef u s-Sur Joe Louis Xiberras l-organiżatturi tal-Gaudos Half Marathon attendew għal-laqgħa. Is-Sindku Franco Ciangura spjega l-ġrajjiet ta' din il-proposta billi inizjalment huwa ġie avviċinat minn Joe Louis rigward din il-proposta.

48.10.2Din ġiet diskussa bħala Kunsill u wara li konna wrejnihom l-interess, tlabnihom xi spejjes tinvolvi. Wara dan intbagħtet *email* lis-Sindku bl-ispejjes tagħhom u x'inhu meħtieġ u d-data proposta. Is-somma mitluba biex tiġi organizzata din il-maratona kienet ta' €2000 u wkoll talbu għajnuna fl-akkomodazzjoni għall-organizzaturi. Il-kunsilliera lmentaw li ħassewhom urtati għal fatt meta din il-proposta kienet għada lanqas biss ġiet diskussa bħala Kunsill u sadanitant jaraw fuq *facebook* li se ssir f'Għajnsielem bil-logo tal-Kunsill meta kienet għada mhix approvata mill-Kunsill. Il-kunsilliera kkummentaw li ħassewhom li l-Kunsill ġie maqbuż u wkoll ma qablux mad-data ta' Jum l-Omm għal din l-attivita'.

48.10.3 Is-Sur Micallef irrefera għal problema tad-data peress li f'kull *weekend* hemm xi maratona bbukjata u dik hija l-unika ġurnata *available* għal din is-sena menti għal sena oħra rriserva id-data tal-5 t'April 2020.

48.10.4 Is-Sindku rrimarka li tqajjmet l-*issue* li kollox kien lest meta huwa ma ta l-ebda awtorizazzjoni lil hadd biex imexxi. Il-Kunsilliera Karen Xuereb irrimarkat li mhux xieraq li l-attivita' ġiet *marketed* meta l-Kunsill għadu lanqas biss iltaqa'. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi nsista li l-kunċett ta' maratona kulħadd huwa favorih iżda konna għadna ma ddiskutejnix l-*budget* u data. Il-Kunsillier Larry Buttigieg lmenta għal fatt li l-ewwel kuntatt li sar minnhom mal-Kunsill kien li jindika li kollox huwa lest nkluz it-trophies u anke għal fatt li l-organizzaturi ġew għal-laqgħa mingħajr ma ġiet diskussa din l-email qabel.

48.10.5 Is-Sindku talabhom jistgħux jirrevedu t-talba ta' €2000 u naraw nistgħux nakkwistaw xi ħaga mill-Sports Board u niddiskutu d-data ma tistax titħarrek.

48.10.6 Wara li l-organizzaturi rtiraw mil-laqgħa, il-Kunsill qabel li l-kunsilliera jaqblu perfettament mal-kunċett tal-maratona iżda mhux qed jaqblu li ssir f Mejju peress li l affarijiet saru b għaġla u mingħajr konsultazzjoni diretta mal-Kunsill speċjalment rigward id-data. L-ewwel kuntatt mal-Kunsill sar wara li kien hemm kollox pjanat u lest. Il kunsilliera rrimarkaw ukoll li jista hemm xi nies li jarawna koroh li organizajna attivita f'Jum l- Omm li ma għandha xejn x'taqsam ma' Jum l Omm. Il-kunsilliera mhux jaqblu li ssir bħalissa iżda wara s sajf u wara aktar diskussjoniet. Is-Sindku rrimarka li huwa kien qed jaqbel li ssir mat-termini kollha maqbula minnha u kif irridu aħna u kif komunikat mill-organizzaturi.

### 48.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

### 48.12 Materji oħra

48.12.1 Is-Sindku talab sabiex isiru *refreshing* tar-*road markings* tal-inħawi tal-Gudja u Pjazzez.

48.12.2 Is-Sindku talab sabiex isir *shifting* ta' bozza ta' Anġlu Portelli fi Triq Baħħara.

48.12.3 Is-Sindku talab ukoll sabiex naraw kif jista jitranġa il-ħajt ta' Lourdes.

48.12.4 Is-Sindku enfasizza wkoll li għandna niġru wara l-kuntrattur Richard Cauchi sabiex iwaħħal mill-ġdid il-fanal ta' quddiem il-Każin.

48.12.5Is-Sindku talab ukoll sabiex niċċekjaw x'kien sar mit-talba ta' *fishbone lines* ħdejn tal-forn fi Pjazza Madonna ta' Loretu.

## 48.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

48.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm u ġiet preseduta għal nhar l-Ġimgħa 1 ta' Marzu 2019 fit-3:30pm.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**